

- b) jekk ir-risposta hija affermattiva, tali regola hija xierqa u neċċessarja minħabba, b'mod partikolari, l-esperjenza professionali limitata miksuba fil-bidu tal-karriera?

---

(<sup>1</sup>) Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjiieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kúria (l-Ungjerija) fl-20 ta' Ottubru 2015 – Interservice d.o.o. Koper vs Sándor Horváth**

(Kawża C-547/15)

(2016/C 027/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ungjeriż

**Qorti tar-rinviju**

Kúria

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Interservice d.o.o. Koper

Konvenuta: Sándor Horváth

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 96(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 (<sup>1</sup>) li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, għandu jiġi interpretat fis-sens li għandu jitqies li huwa trasportatur ta' merkanzija mhux biss kull persuna li tikkonkludi kuntratt ta' trasport għall-merkanzija kkonċernata mal-bejjiegħ (trasportatur kontraenti jew prinċipal) iżda wkoll kull persuna li twettaq it-trasport totalment jew parżjalment bis-sahħha ta' kuntratt ta' trasport ieħor, konkluż mat-transportatur kontraenti jew prinċipal (sotto trasportatur)?
- 2) Fil-każ li l-ewwel domanda preliminari tingħata risposta affermattiva, l-Artikolu 96(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, għandu jiġi interpretat fis-sens li f'kull sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, din id-dispożizzjoni timponi fuq is-sotto trasportatur l-obbligu li, qabel ma jkompli t-transport tal-merkanzija, jiżgura ruħu debitament li t-transportatur prinċipal jkun tabilħaqq ippreżenta din il-merkanzija fl-uffiċju doganali tad-destinazzjoni b'mod konformi mal-modalitajiet preskritti?

---

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fis-26 ta' Ottubru 2015 – Undis Servizi Srl vs Comune di Sulmona**

(Kawża C-553/15)

(2016/C 027/12)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Undis Servizi Srl